MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 606/2009

**Patrick Calafato ID-11969M**
**Vs**
**Reuben Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta Lulju 2009, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ Euro894.05c (tmin mija u erbgha u disghin ewro u hames centezmi) rapprezentanti ammont li ghadu dovut bhala prezz ta merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-interessi u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali numru 3309/09 kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 20 ta Awissu 2009 fejn qed jallega li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-ammont tan-negozju ta’ bejniethom kien jithallas permezz ta’ pagamenti mensili ta’ Euro150 (mija u hamsin ewro) fix-

xahar u li in segwitu meta nbdew il-proceduri legali tramite ittra ufficcjali kien sar ftehim ulterjuri li l-bilanc dovut kellu jithallas permezz ta’ erba pagamenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi migjuba nkluz il-partijiet bil-gurament.

Ikkunsidra.

It-Tribunal jaghmel referenza ghal verbal tas-seduta tat-2 ta Ottubru 2009 fejn gie dikjarat li ma kienx hemm kontestazzjoni per se fuq l-ammont tas-sorte mitlub izda li l-konvenut kellu jibqa jibbenefika mill-ftehim ezistenti bejn il-partijiet cioe dak li l-bilanc jibqa jithallas tramite pagamenti mensili u ghalhekk il-kawza giet stradata b‘dan il-mod fis-sens illi kellhom jinstemghu l-provi limitatament biss fuq jekk kienx jezisti tassew dan il-ftehim o meno.

Illi dan it-Tribunal sema z-zewg kontendenti jaghtu l-verzjoni taghhom bil-gurament u minn dak li sema t-Tribunal certament ma jistax jasal ghal konkluzjoni li tassew kien hemm dan il-ftehim pattwit bejniethom ta’ pagamenti mensili. Illi ghalkemm huwa minnu u rrizulta mhux kontestat li l-konvenut kien ihallas kwazi l-istess cifra minn xahar ghal xahar, dan kien jithalla jsir mill-attur b’mera volonta u tolleranza tieghu u mhux il-ghaliex kien hemm xi ftehim specifiku f’dan is-sens. Illi biex ikun hemm ftehim, hu xi inhu, ta’ bilfors irid jirrizulta il-konkordat bejn il-partijiet koncernati, cirkostanza li tassew ma rrizultatx f’dan il-process.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kwindi jilqa’ t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta’ Euro894.05c (tmin mija u erbgha u disghin ewro u hames centezmi) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta’ l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------